MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 126/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Farrugia (bin Carmel u Matilda nee Apap, imwieled fis-17 ta’ Settembru 1977, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 500077M) talli b’diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, fit-3 ta’ Ottubru 2009, 10 ta’ Ottubru 2009, 17 ta’ Ottubru 2009, 24 ta’ Ottubru 2009 u 31 ta’ Ottubru 2009, meta hekk ordnat minn xi qorti jew matbut b’kuntratt, naqas li jaghti lil martu Alison Farrugia u/jew lil uliedu is-somma fil-gimgha ffissata mill-qorti jew stipulata bil-kuntratt ghaliha jew ghal uliedha fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni jew skond il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, ddikjaratu hati skond l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Martin Farrugia, minnu pprezentat fis-16 ta' Marzu 2010, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkonstatat illi effettivament fil-mori tal-appell l-appellant hallas dak kollu li kien dovut; hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt, mhux kontestat mill-prosekuzzjoni (wara li l-istess prosekuzzjoni kkonsultat mal-avukata tal-parti civili, l-Avukata Dott. Lorraine Schembri Orland) li f'diversi periodi s-sena l-ohra l-appellant kellu problemi finanzjarji, u li jidher li qed jaghmel sforz genwin biex jissorvolahom halli jkun jista' jkompli jhallas il-manteniment kollu kif ordnat bis-sentenza tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru 2003; osservat li l-parti civili stess ma tixtieqx li l-appellant jigi inkarcerat ghax dan ikun ifisser aktar problemi ghall-istess parti civili;

Rat l-Artikoli 18, 31(1)(*g*) u 338(*z*) tal-Kodici Kriminali, tilqa' l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu l-appellant instab hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, thassarha u tirrevokaha kwantu ghall-piena ta' gimgha detenzjoni u minflok tikkundanna lill-appellant Martin Farrugia multa ta' mitt Euro (€100), konvertibbli fi tmiet ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi. Il-Qorti wissiet lill-appellant li darb'ohra ma jsibx hajt ta' kenn quddiem din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------